**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 29 ta' Jannar 2024**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Gabriel Micallef)**

**vs**

**Francis Grech**

Il-Qorti,

1. Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Francis Grech ta' 57 sena, bin Nazzareno u Mary Rose nee' Spiteri, imwieled il-Pieta fit-22 ta' Novembru 1965 residenti 112, Triq l-Ifran Valletta u detentur tal-karta tal-identita bin-numru 0535565M

Akkuzat talli b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjuonijiet tal-Ligi, b'risoluzzjoni wahda:

1. Nhar is-6 ta' Gunju 2023 ghall-habta tal-hdax u nofs ta' filghodu u/jew fil-hinijiet ta' qabel gewwa l-Belt Valletta kkometta serq ta' flixken tax-xorb, ghad-detriment ta' Francois Bartolo u/jew persuni jew entitajiet ohra;

2. Nhar il-5 ta' Gunju 2023 ghall-habta tal-hdax ta' filghodu u/jew fil-hinijiet ta' qabel gewwa l-Belt Valletta kkometta serq ta' zewg handbags ghad-detriment ta' Aldo Shoes u/jew persuni jew entitajiet ohra;

3. Nhar it-3 ta' Gunju 2023 ghall-habta tal-ghaxra u nofs ta' filghodu u/jew fil-hinijiet ta' qabel, gewwa l-Belt Valletta kkometta serq ta' flokk, liema serq huwa aggravat bil-valur li huwa aktar minn mitejn u tnejn u tletin Ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda ma huwiex izjed minn elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-detriment tal-hanut Outlet u/jew persuni jew entitajiet ohra;

4. Nhar it-2 ta' Gunju 2023 ghall-habta tas-sebgha u nofs ta' filghodu u/jew fil-hinijiet ta' qabel gewwa l-Belt Valletta kkometta serq ta' fliexken tax-xorb, ghad-detrirment ta' Matthew Caruana Smith u/jew persuni jew entitajiet ohra;

5. Nhar is-27 ta' Mejju 2023 ghall-habta tal-hdax ta' filghodu u/jew fil-hinijiet ta' qabel, gewwa l-Belt Valletta kkometta serq ta' zewg handbags ghad-detriment ta' Aldo Shoes u/jew persuni jew entitajiet ohra;

6. Nhar is-26 ta' Mejju 2023 ghall-habta tal-hdax ta' filghodu u/jew fil-hinijiet ta' qabel gewwa l-Belt Valletta kkometta serq ta' zewg handbags ghad-detriment ta' Aldo Shoes u/jew persuni jew entitajiet ohra;

7. Fl-istess dati, hin, lok u cirkostanzi, xjentament laqa ghandu jew xtara hwejjeg misruqa jew mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat jew xjentament b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom;

8. Fl-istess dati, lok, hin u cirkostanzi ikkometta reat waqt li kien taht ordni ta' probation, moghtija mill-Qorti ta' Malta preseduta mill-Magistrat Dr. A. M. Grima LL.D nhar it-8 ta' Mejju 2023, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

9. Fl-istess dati, lok, hin u cirkostanzi ikkometta reat waqt li kien taht ordni ta' probation, moghtija mill-Qorti ta' Malta preseduta mill-Magistrat Dr. A. M. Grima LL.D nhar it-8 ta' Mejju 2023, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula; [sic]

10. Fl-istess dati, lok, hin u cirkostanzi, irrenda ruhu recidiv ai terminu tal-Artikoli 49, 50 u 289 et sequitur tal-Kodici Kriminali b'sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Rat il-kunsens moghti mill-Avukat Generali bis-sahha ta' l-Artikolu 370(4) tal-Kodici Kriminali, sabiex dan il-kaz jigi ttrattat bil-procedura sommarja, u semghet lill-imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

3. Semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

5. Rat li fis-seduta tal-21 ta' Novembru 2023 l-imputat irregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu.

6. L-Ufficjal Prosekutur iddikjara li s-seba' imputazzjoni tar-ricettazzjoni hija alternattiva ghas-sitt imputazzjonijiet precedenti u li d-disa' imputazzjoni hija repetizzjoni bi zvista tat-tminn imputazzjoni.

7. Il-Qorti wissiet lill-imputat bil-konsegwenzi serji tal-ammissjoni tieghu u li l-piena massima ghall-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu hija ta' disa' snin prigunerija u li l-Qorti trid titratta mieghu ghall-ksur tal-Ordni tal-probation u ssospendiet is-seduta sabiex l-imputat jikkonsulta mal-avukat difensur tieghu biex jara jekk iridx jirrevedi l-pozizzjoni tieghu.

10. Meta regghet issejhet il-kawza il-Qorti staqsiet lill-imputat jekk kellux hin bizzejjed sabiex jikkonsulta mal-avukat difensur tieghu u hu wiegeb fl-affermattiv. Mistoqsi mill-Qorti jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu l-imputat ikkonferma l-ammissjoni tieghu.

11. Semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ipprezentati.

15. Semghet ix-xhieda tal-ufficjal tal-probation Mary Anne Zammit u rat il-pre-sentencing report taghha fil-konfront tal-imputat.

16. Semghet trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

17. In vista tad-dikjarazzjoni tal-Ufficjal Prosekutur fis-seduta tal-21 ta' Novembru 2023, il-Qorti issib lill-imputat hati, fuq ammissjoni tieghu stess tal-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tieghu, hlief ghall-imputazzjonijiet numru sebgha u disgha.

18. Kif diga' inghad l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li s-seba' imputazzjoni ta' ricettazzjoni hija alternattiva ghas-sitt imputtazzjonijiet precedenti u li d-disa' imputazzjoni hija ripetizzjoni bi zvista tat-tminn imputazzjoni. Konsegwentement, il-Qorti se tastjeni milli tiehu konjizzjoni tas-seba' u tad-disa' imputazzjoni.

19. Ghal kull buon fini, il-Qorti tirrileva li meta kienet qed tabbozza din is-sentenza indunat li fil-fatt fit-8 ta' Mejju 2023, din il-Qorti, preseduta mill-magistrat Astrid May Grima, tat zewg sentenzi fil-konfront tal-imputat u fiz-zewg sentenzi ikkundannatu ghal ordni ta' probation ta' tlett snin, u irrikomandat lid-Direttur tal-Probation u Parole sabiex l-imputat jigi assenjat Ufficjal tal-Probation wiehed biex isegwieh fiz-zewg ordnijiet ta' probation u fiz-zewg ordnijiet ta' trattament. Is-sentenzi relattivi gew ezebiti mill-prosekuzzjoni u jinsabu a fol. 24 (Dok KP6 - kaz numru 2022/2023) u a fol. 29 (Dok KP7 - kaz 4772/2022) tal-process rispettivament. In vista tal-fatt li f'dawn il-proceduri l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li d-disgha imputazzjoni hija ripetizzjoni bi zvista tat-tminn imputazzjoni, il-Qorti se issib lill-imputat hati ta' ksur ta' ordni ta' probation wahda u mhux tnejn, u se tittratta mieghu ghall-ksur ta' l-ordni ta' probation impost fil-

kaz numru 2022/2023 (Dok KP6)[1] biss, stante li din hija l-ewwel sentenza li giet ezebita mill-Prosekuzzjoni.

20. Fir-rigward tal-ikkalibrar tal-piena, il-Qorti ikkunsidrat li l-imputat ghandu fedina penali raffrettarja ta' tmienja u ghoxrin (28) faccata, ghal diversi reati li jinkludu aggressjoni fizika, serq u importazzjoni tad-droga. Huwa inghata diversi opportunatijiet minn dawn il-Qrati, li ma gharafx juzufruwixxi ruhu minnhom, u skonta wkoll diversi sentenzi karcerarji.

21. Fil-*pre-sentencing report* taghha l-Ufficjal tal-Probation identifikat hafna fatturi li kellhom impatt sostanzjali sabiex l-imputat wasal sa' dan il-punt. L-imputat ilu hafna snin jinvolvi ruhu f'attivita kriminali u minn analizi ta' dan ir-reati, jidher li kollha huma kagun ta' rabja u reati sabiex imantni l-vizzju tad-droga. L-abbuz tad-droga u sustanzi ohra bhal alcohol ilhom prezenti minn meta l-imputat kien ghadu adoloxxenti. Jidher li min-naha tieghu l-imputat fittex li jinghata l-ghajnuna izda l-motivazzjoni tieghu ma kinietx wahda gholja.

22. Jidher ukoll, li t-tfulija tal-imputat kienet wahda turbulenti li halliet marka profonda f'hajtu. Huwa qatta' kwazi tfulitu kollha 'l boghod mill-genituri tieghu u gewwa istitut tat-tfal. Dan halla impatt qawwi fuqu ghaliex hu qatt ma hassu accettat mill-familja tieghu stess. Ir-rizultat ta' dan hu li hemm nuqqas ta' kontroll fuq l-emozzjoniet li qed iwassal biex hu ikun aggressiv u jitlef il-kontroll. Jidher ukoll, li meta dawn il-problemi jeskalaw, l-imputat jista' jasal sabiex ikun ta' perikolu ghalih u ghal kommunita.

23. Fir-rapport taghha, l-Ufficjal tal-Probation ikkonkludiet hekk:

*"**Pjan ta' Kura***

*F'dawn ic-cirkustanzi li gew elenkati, il-persuna koncernata ghad ghandu hafna problemi li baqghu mieghu tul is-snin bhal imgieba aggressiva u l-abbuz tad-droga li ma ghenu xejn ghas-sahha mentali tieghu. Qieghed jigi indikat ukoll li kull darba, certu indicdenti qeghdin dejjm jirrepetu ruhhom. Ghalhekk huwa rakkomandat li Francis*

[1] *A fol.* 24 tal-process.

*Grech jindirizza l-problema tad-droga waqt li jahdem sabiex izomm 'il boghod minn kull attivita kriminali.*

*Huwa wkoll esigenti, li l-istess Francis Grech jibqa' jinghata ghajnuna psikologika, l-aktar dik ta' anger management u kif ukoll moniteragg fejn tidhol is-sahha mentali. Dan jghin sabiex Francis Grech isib mod kif johrog din ir-rabja minn go fih b'mod san u regolari u tigi stabbilita* [sic] *l-kundizzjoni mentali tieghu.*

***Rakkomandazzjoni***

*Fid-dawl ta' dawn il-fatti, il-problemi li gew elenkati u n-nuqqas ta' stabbilita fil-familja, storja twila ta' abbuz minn sustanza illecita ta' droga u kif ukoll rabja li mhijiex kontrollabbli.* [sic]

*Ghalhekk qed ikun irrakomandat lil din l-Onorabbli Qorti, li tinghata piena karcerarja li tkun fil-minimu taghha li matulha jinghata l-ghajnuna ta' Anger Management, ghajnuna psikologika u moniteragg fuq is-sahha mentali.*

*Galadarba, jkun hemm livell ta' maturita f'dawn l-oqsma, il-persuna koncernata tkun tista' tigi kkunsidrata ghal programm ta' rijabilitazzjoni kontra t-tehid tad-droga. Dan dejjm skont il-gudizzju tal-Professjonisti koncernati. Dan il-pjan ta' trattament ghandu b'hekk ikun iffukat li jghin lill-istess Francis Grech isib triqtu u jintegra fil-komunita."*

24. Il-Qorti taqbel mar-rakkomandazzjoni tal-Ufficjal tal-Probation li l-piena idonea fil-kaz odjern ghandha tkun piena karcerarja. Fix-xhieda taghha, l-Ufficjal tal-Probation qalet ukoll li l-imputat qieghed diga jinghata ghajnuna ghal *anger management* u psikologika mill-habs permezz tal-care plan coordinators, psikologa u l-psikjatra tal-habs. Din il-Qorti ma tarax ghaliex ghandha timponi kundizzjoni li l-imputat jkun ordnat isegwi programm ta' riabilitazzjoni ghaliex fl-ewwel lok mir-rapport tal-Ufficjal tal-Probation jirrizulta li huwa prematur li l-imputat isegwi dan il-programm qabel jindirizza l-problemi l-ohra li ghandu, u fit-tieni lok ghaliex il-Qorti temmen li sabiex dan il-programm ikun success din ghandha tkun triq li jghazel hu b'mod volontarju u determinat.

25. Tenut kont tal-passat u tal-anticedenti kollha tal-imputat, din il-Qorti hija konvinta li l-imputat ma hux kapaci jindirizza l-problemi tieghu ta' natura psikologika u tal-abbuz tieghu tad-droga jekk ma jkunx fl-ambjent konfinat tal-habs. Fil-fatt, fil-kaz odjern huwa ammetta wkoll li kiser ordni ta' probation li giet imposta fuqu b'sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta fit-8 ta' Mejju 2023, u cioe inqas minn xahar qabel l-imputat tressaq arrestat bl-imputazzjonijiet odjerni. Incidentalment, din is-sentenza kienet imponiet fuq l-imputat ordni ta' trattament ghal tlett (3) snin. Ghalhekk il-piena karcerarja ma tistax tkun wahda fil-minimu imma trid tkun wahda twila bizzejjed sabiex tippermetti lill-imputat jindirizza l-problemi tieghu tramite l-assistenza tal-professjonisti tal-habs, sabiex b'hekk il-Qorti tispera li jirnexxielu mhux biss jitghallem jikkontrolla l-emozzjonijiet tieghu imma wkoll jeghleb il-vizzju tad-droga fl-interess tieghu u tas-socjeta in generali.

26. Din il-Qorti trid tittratta mal-hati ghal ksur tal-ordni ta' probation li taghha instab hati fl-imputazzjoni numru tmienja (8), u cioe ghal ksur tal-ordni ta' probation impost bis-sentenza tat-8 ta' Mejju 2023, ezebita bhala Dok KP6 (Kaz Numru: 2022/2023)[2] kif fuq inghad. Hija tosserva li bis-sentenza li imponiet din l-ordni ta' probation, huwa kien instab *inter alia* hati talli kiser ordni ta' probation moghti lilu minn din il-Qorti diversament preseduta[3] fit-28 ta' Mejju 2021. Pero, din is-sentenza tat-28 ta' Mejju 2021 ma gietx ezebita, u allura din il-Qorti ma tistax tittratta mal-hati ghal ksur ta' l-ordni ta' probation impost bis-sentenza tat-28 ta' Mejju 2021.

27. In oltre, bl-istess sentenza tat-8 ta' Mejju 2023, l-imputat gie wkoll misjub hati *inter alia* li kiser il-kundizjonijiet tad-digriet tal-helsien mill-arrest imposti fuqu minn din il-Qorti diversament preseduta fil-21 ta' Novembru 2022, u f'dawk il-proceduri il-Prosekuzzjoni kienet talbet lill-Qorti sabiex, apparti tapplika l-piena stabbilita mil-ligi, tirrevoka l-beneficcju tal-helsien mill-arrest moghti lill-imputat, u tordna l-arrest mill-gdid tieghu, kif ukoll sabiex tordna li d-depozitu u s-somma bhala garanzija personali jghaddu favur il-Gvern ta' Malta. Id-digriet tal-helsien mill-arrest tal-21 ta' Novembru 2022, ukoll ma giex ezebit f'dawn il-proceduri, u allura din il-Qorti ma hix konsapevoli tal-ammont ta' depozitu u garanzija personali imposti. In oltre, il-Qorti hija tal-opinjoni li tenut kont tac-

[2] *A fol.* 24 tal-process.
[3] *Per* Magistrat Gabriella Vella.

cirkostanzi kollha tal-kaz, ma huwiex idoneu li hija tilqa' t-talba tal-Prosekuzzjoni li tirrevoka d-digriet tal-helsien mill-arrest tal-imputat u terga' tordna l-arrest mill-gdid tieghu, anke ghaliex mill-atti ma jirrizultax jekk il-proceduri li fihom inghata dan id-digriet tal-helsien mill-arrest ghadhomx pendenti jew gewx decizi.

**Konkluzjoni**

28. Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:

(1) Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-imputazzjonijiet numru sebgha u disgha.

(2) Wara li rat l-Artikoli 284, 285, 261(c), 267, 279(a), 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tal-ewwel, it-tieni, it-tielet, ir-raba', il-hames, is-sitt u l-ghaxar imputazzjoni dedotti fil-konfront tieghu, u tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz tikkundannah ghal piena karcerarja ta' sena li minnha ghandu jitnaqqas kull zmien li l-imputat ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma' dawn il-proceduri biss.

(3) In oltre, a tenur tal-Artikolu 23(1)(a) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tat-tminn imputazzjoni, u cioe li kiser il-kundizzjonijiet tal-ordni ta' probation tat-8 ta' Mejju 2023 maghmul minn din il-Qorti preseduta mill-Magistrat Dr Astrid May Grima (Kaz numru 2022/2023) u qed tittratta mieghu ghall-imputazzjonijiet li dwarhom hu kien tpogga taht tali ordni daqs li kieku ghadu kemm gie dikjarat hati minn jew quddiem din il-Qorti ghal dawk l-imputazzjonijiet, u filwaqt li ghal kull buon fini tikkonferma l-htija fir-rigward tal-imsemmija imputazzjonijiet, tirrevoka l-ordni ta' probation maghmul bis-sentenza msemmija, u wara li rat l-Artikoli 7, 18, 31, 41(1)(a) 49, 50, 284, 285, 289 u 579(2) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-Artikoli 21 u 23 Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imsemmi Francis Grech ghal perjodu ulterjuri ta' sena prigunerija effettiva, li minnhom ghandu jitnaqqas kull zmien li l-imputat ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma' dawk il-proceduri, pero tichad it-talba tal-Prosekuzzjoni f'dawk il-proceduri ghar-revoka tad-digriet tal-helsien

mill-arrest tal-imputat moghti minn din il-Qorti diversament preseduta fil-21 ta' Novembru 2022.

(4) Ghaldaqstant il-hati ghandu jaghmel perjodu globali ta' sentejn (2) prigunerija.

(5) In oltre, il-Qorti tordna lill-hati ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, liema spejjez ghandhom jithallsu fi zmien gimgha minn meta jigi komunikat lilu l-ammont hekk dovut mir-Registratur tal-Qrati Kriminali, b'dan li jekk il-hati jonqos li jhallas dan l-ammont jew parti minnu fiz-zmien lilu preskritt, l-ammont jew il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata stabbilita skond il-ligi.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**